MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-27 ta' April, 2010

Avviz Numru. 91/2006

**Avviz Numru 91/06CSH**

**Vassallo Builders Limited (C20882)**

**Vs**

**Atlas Tool & Precision Engineering Limited u b'digriet tad-9 ta' Gunju, 2006 l-isem tal-kumpanija konvenuta gie mibdul ghall-isem Atlas Tool Engineering Co. Ltd.**

**Il-Qorti:-**

Rat li nhar il-wiehed u ghoxrin ta' Marzu 2006 fir-Registru ta' din il-Qorti, s-socjeta' attrici Vassallo Builders Limited (C20882) ipprezentat avviz fejn talbet lil din il-Qorti:

Tiddikjara li s-socjeta' Atlas Tool & Precision Engineering Ltd., occorrendo previa dikjarazzjoni, hija responsabbli li kkagunat danni lill-istess socjeta' attrici meta naqset li

tesegwixxi skond is-sengha u l-arti, x-xoghol lilha kkummissjonat u minnha accettat, liema xoghol kellu jikkonsisti f' *"to have the key-slot remade on the opposite side of the shaft of the rotor of an electric motor"* ta' tower-crane tal-marka Comedil;

U li konsegwentement tillikwida tali danni, occorrendo bl-opera ta' periti nominandi u tordna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici tali danni, liema danni ma jeccedux is-somma ta' hamest elef Lira Maltin (Lm5000), u quindi din l-azzjoni taqa' taht il-kompetenza ta' din il-Qorti.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra legali datata ghoxrin ta' Jannar 2006, u bl-imghax legali sal-pagament effettiv, kontra s-socjeta' konvenuta li rapprezentanti taghha huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet / risposta pprezentata mis-socjeta' konvenuta nhar l-erbgha ta' Mejju 2006 fejn esponiet bir-rispett is-segwenti:

*1. "Preliminarjament illi ghal precizjoni jinghad illi l-isem tas-socjeta' konvenuta ghandu jinqara bhala 'Atlas Tool Engineering Company Limited', in kwantu illi 'Atlas Tool & Precision Engineering Ltd.' ma tezistix.*

*2. Fit-tieni lok jinghad illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta' attrici.*

*3. Fit-tielet lok illi x-xoghlijiet ta' natura minuri li saru, saru kollha skond l-ordinijet u l-istruzzjonijiet tas-socjeta' attrici stess u saru skond is-sengha u l-arti.*

*4. Illi kull xoghlijiet li saru, saru in effetti fuq struzzjonijiet u ordnijiet tal-mechanic tas-socjeta' attrici, ismu Emanuel kunjomu mhux maghruf – kollox kif ser jigi ppruvat ahjar fil-kors tal-kawza.*

*5. Minghajr pregudizzju u fi kwalunkwe kaz kull danni allegati jridu jigu ppruvati.*

*6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta' attrici."*

Rat illi fis-seduta tad-disgha ta' Gunju 2006 l-atturi talbu korrezzjoni fl-okkju, fis-sens illi l-isem tal-kumpanija konvenuta jigi mibdul ghall-isem "Atlas Tool Engineering Co. Ltd.", liema talba ma kinitx opposta mill-kontroparti, u ghalhekk il-Qorti laqghet it-talba f'dik –istess seduta u ordnat li ssir il-korrezzjoni mitluba.

Semghet lix-xhud **Eusebio Muscat** prodott mill-kumpanija attrici fis-seduta tad-disgha ta' Novembru, 2006 (a fol. 10) fejn stqarr li huwa Purchasing Manager tal-kumpanija attrici, u li jiehu hsieb ix-xiri kollu li taghmel l-istess kumpanija u li huwa responsabbli mill-makkinarju li thaddem il-kumpanija. Qal ukoll li l-kumpanija attrici ilha zmien twil klijenta tal-kumpanija konvenuta, u spjega li huma kienu jinqdew bil-kumpanija konvenuta ghax-xoghol ta' ghodod, ta' manifattura ta' parts u anke ghal riparazzjoni. Kompla jghid li l-kumpanija attrici ghandha *tower crane* tal-marka Comedil, li kellu xi hsara fir-*rotor* tal-mutur elettriku, u li allura huma kienu kkomunikaw mal-kumpanija konvenuta biex isewwu l-hsara. Kompla jispjega li r-*rotor* hija parti nterna tal-mutur elettriku li tispicca b'*shaft*, u li dan ikollu cavetta biex dan ix-*shaft* ikun jista' jintrabat mal-*housing* tieghu, u ma jdurx fil-vojt. Qal li c-cavetta fuq ix-*shaft* tal-mutur taghhom kienet ftit laxka u huma riedu li s-socjeta' konvenuta taghmlilhom cavetta gdida fuq parti differenti tal-istess *shaft*, li tkun aktar soda minn dik li diga' kellu. Qal ukoll li meta kienu hadulhom ir-*rotor* lura, l-inginier tas-socjeta' attrici kien induna li l-konvenuti kienu kielu mix-shaft u mill-*housing* tar-*rotor* u rrimedjaw ghal dan in-nuqqas fil-hxuna billi ghamlu *sleeve*. Ghalhekk peress li kienu raqqu x-*shaft*, is-sahha tieghu kienet iddghajfet u ma kienx ghadu tajjeb ghax-xoghlijiet li l-atturi riedu jaghmlu bih.

Ix-xhud zied jghid li hu kien ikkomunika mal-kumpanija konvenuta biex ikun jaf ghaliex kienu kielu mix-*shaft*, u li certu Daniel li huwa iben il-propjetarju kien spjegalu li

kellhom jieklu mix-*shaft* ghaliex sabu li dan kien xi ftit mibrum u riedu jirrangawh. Ghalhekk ix-xhud kien qallu li qabel ma esegwixxa dawn ix-xoghlijiet li ma kinux mitlubin minnhom, kien messu cempillu, pero' dan Daniel kien wiegbu li huma kienu ghamlu l-istess bicca xoghol diversi drabi ghal klijenti ohrajn. Zied li sussegwentement kien qabbad lill-inginier tas-socjeta' attrici Paul Cardona biex jikkomunika mal-inginier tal-kumpanija konvenuta. Paul Cardona kien imbaghad ghamel rapport bil-miktub dwar il-hsara li skond hu kienet saret fir-*rotor*, liema rapport gie esebit u mmarkat bhala Dok VB1.

Ix-xhud qal ukoll biex biex ikun iktar cert minn dak li kien qed jippretendi mill-konvenuti, kien qabbad inginier iehor indipendenti biex jaghmel rapport iehor, u li dan kien wasal ghall-istess konkluzjonijiet tal-inginier taghhom. Dan l-inginier, Mario Magri, issottomettielu rapport, li huwa esebixxa, u li gie mmarkat bhala Dok VB2. Qal li ghalkemm dan id-dokument mhux iffirmat, l-istess Sur Magri seta' jikkonferma l-kontenut tieghu bil-gurament quddiem il-Qorti.

Insista li ghaldaqstant, skond ir-rapporti tal-inginiera taghhom ,dan ir-*rotor* mhux utilizzabbli peress li jikkostitwixxi perikolu, billi mhuwiex tas-sahha li l-*crane* kellu bzonn. Ghalhekk il-kumpanija attrici kienet kostretta tixtri *rotor* gdid, li ma kienx disponibbli mmedjatament, u fil-fatt kellhom jghaddu tmien gimghat sakemm setghu jakkwistaw rotor sostituttiv minghand il-fabbrika stess. Pero' biex ma jahlux zmien gimghat bil-*crane* wieqaf, kellhom jixtru mutur elettroniku gdid, b'*gearbox* gdida, biex setghu jinqdew sakemm giet il-part. Kompla jghid li b'dawn il-mutur u *gearbox* godda, huma ma kellhomx iktar bzonn ta' dik il-part u li fil-fatt ghadhom qed juzaw il-godda. Qal li meta nqala' r-*rotor* mill-*crane* biex jittiehed ghat-tiswija, il-*crane* kien qed jinghata *maintenance* biex ikun jista' jintuza fuq progett li l-kumpanija attrici kellha fl-Imgarr, fejn kienet ser tibni blokk t'appartamenti u garaxxijiet ghall-Gvern. Spjega li huwa ma kienx involut f'dan il-kuntratt li l-kumpanija kellha mal-Gvern, pero' mmagina li bhas-soltu kien hemm terminu sakemm kellhom jitlestew ix-xoghlijiet.

Imbaghad qal li l-makkinarju sostituttiv biex irrimedjaw ghad-difett li ghamlu l-konvenuti, huma kienu akkwistawh fi zmien xahar, u li ma setax jasal qabel peress li kien zmien il-Milied.

Spjega li d-danni li s-socjeta' attrici qeghda tippretendi jirreferu ghax-xiri ta' *spare parts*, ossia tal-mutur u *gearbox* godda, t-trasport taghhom u kwalunkwe spejjez li kienu ancillari biex dawn waslu fil-garaxx taghhom u gew immontati fuq il-*crane* biex seta' jahdem. Qed jintalbu wkoll spejjez li l-kumpanija attrici kienet lahqet ghamlet fuq il-mutur l-iehor, li issa m'ghadux utilizzabbli u anke d-drittijiet li thallsu lill-inginiera. Gie pprezentat prospett dettaljat li gie mmarkat bhala Dok VB3 (fol. 20).

In kontro-ezami kkonferma li r-*rotor* li giet imlibbsa s-sleeve bil-*housing* taghha, ghadha fil-pussess tal-kumpanija attrici.

Rat illi fil-hdax t'April 2007 xehed **Mario Magri** (a fol. 23) fejn qal li huwa jahdem bhala Mechanical Engineer u kkonferma li d-dokument li jinsab fl-atti a fol. 16 sa 19, huwa rapport imhejji minnu wara li kien gie avvicinat mis-socjeta' attrici Vassallo Builders Limited, biex jara jekk il-mutur li kienet saret tiswija fuqu setax jintuza fuq winch ta' *tower crane*. Spjega li fil-fehma tieghu dan il-mutur ma kienx tajjeb biex jintuza fuq dan il-*winch* tat-*tower crane*. Zied jispjega li dan huwa *electrical motor* li jhaddem il-*winch* tat-*tower crane*, li jkollu *break* fuq wara u jigi kkuppjat ma' *gearbox*. Qal ukoll li meta gie moghti dan il-mutur biex jezaminah, kienu qalulu li dan kellu xi laxk bejn il-*gearbox* u l-mutur, u li kien ittiehed ghat-tiswija ghand kumpanija tal-inginerija u sussegwentement ittiehed ghandu biex jaghti l-opinjoni tieghu jekk ix-xoghol li kien sar fuqu kienx sar sew jew le.

Spjega li originarjament ix-*shaft* kellu dijametru ta' 49 millimetru, pero' meta sarlu x-xoghol mill-kumpanija tal-inginerija id-dijametru tax-shaft tnaqqas b'79%, bhalma jidher mir-rapport tieghu. Qal li dan it-tnaqqis mhux accettabbli peress li b'dan in-nuqqas tigi ridotta s-sahha

tax-*shaft* u jkun hemm *freefall* u jista' jkun ta' periklu kbir. Zied jghid lil l-*gearbox* in kwistjoni tmisset ukoll.

Kompla li ghalhekk fic-cirkostanzi ghandu jinbidel kemm il-mutur kif ukoll il-*gearbox*. Qal li jekk jinbidel il-mutur, dan ma jidholx fil-*gearbox*. Zied jispjega li x-*shaft* kien imlibbes *steel sleeve* li kienet saret ftit ikbar mix-*shaft* originali u li ghalhekk id-dijametru tal-*gearbox* kiber biex ikun jista' jidhol f'dan l-i*steel sleeve*. Ghalhekk issa l-mutur ghandu problema li x-*shaft* jista' jfaqqa', u l-*gearbox* ghandu l-problema li ma jiffitjjax mutur tal-istess stil.

Fis-seduta ta' nhar it-Tlieta tnax ta' Gunju 2007 l-avukat difensur tas-socjeta' attrici fil-presenza ta' l-avukat tas-socjeta' konvenuta talab in-nomina ta' espert biex jezamina l-apparat li sar ix-xoghol fuqu, u l-Qorti laqghet it-talba u hatret lil Joseph Zammit biex jezegwixxi dan l-inkarigu u jisma' x-xhieda relevanti u dan a spejjez provizorjament tal-atturi.

Illi l-Perit Tekniku ipprezenta u halef ir-rapport tieghu nhar il-hdax ta' Dicembru 2008.

L-istess **Perit Tekniku Joseph Zammit** xehed fis-seduta tat-Tnejn sebgha u ghoxrin t'April 2009 fejn gie mitlub jispjega l-konsiderazzjonijiet tieghu a fol. 21 tar-rapport minnu pprezentat, u qal li dawn ghandhom effett fuq it-talba attrici billi l-hsara li kellu dan il-mutur fuq ix-*shaft* ta' l-*armiture*. Din hija parti ntegrali minn dan il-mutur. Spjega li l-hsara kienet tinsab fuq il-parti tat-tarf tieghu u kienet tikkonsisti billi krejat spazju *loose* fuq il-*key way* ta' l-istess mutur.

Qal li s-socjeta' konvenuta ghamlet xoghol ta' nginerija fuq dan il-mutur u fuq il-parti ta' l-*armiture*, fuq ix-*shaft* tieghu, billi saffiet il-hsara li kien hemm u sussegwentement irrizulta li din ghamlet *bush* u dan sabiex tipprovdi ghal dak il-*loose* li kien hemm fih. B'konsegwenza ta' hekk ix-*shaft* ta' dan il-mutur iddghajjef tant li ma baqax tajjeb ghall-uzu. Zied jghid pero', li x-*shaft* in kwistjoni dahal ghand is-socjeta' konvenuta diga' bi hsara, fis-sens mittiekel, u dan f'dik il-parti tax-*shaft* ta' l-*armiture* li kellu

nieqsa. Qal ukoll li s-socjeta' attrici qatt ma messa ordnat li jsir dan ix-xoghol mis-socjeta' konvenuta, ghaliex tant kien hemm *wear and tear* fuq il-parti tax-*shaft* in kwistjoni li ma kienx val la pena li jissewwa. Insista li fil-fehma tieghu kellu jinbidel l-*armiture* u mhux jinbidlu l-*gearbox* u l-partijiet l-ohra. B'referenza ghall-konkluzjonijiet tieghu a fol. 23 et seq tar-rapport tieghu, partikolarment in-numri 6 u 9, qal li x-xoghol li sar mis-socjeta' konvenuta per se kien tajjeb, pero' ma giex tajjeb ghall-uzu li kien dizinjat ghalih dan l-oggett (sottolinear ta' din il-Qorti).

Nhar is-sittax ta' Gunju 2009 rega' xehed **Eusebio Muscat** (a fol. 46) fejn gie mistoqsi jekk kellux x'izid max-xhieda moghtija minnu fis-sena 2006, u hu spjega li d-dokument esebit a fol. 20 tal-atti huwa stima tad-danni li kien ghamel hu dak iz-zmien. Seduta stante pprezenta stima attwali tad-danni sostanzjata b'ricevuti. Esebixxa ricevuti tal-mutur, tal-*crane*, tal-*gearbox* tal-*crane*, tal-*freight* ta' dawn l-oggetti u tal-ispejjez tal-istallazzjoni u tnehhija tal-mutur il-qadim u l-ispejjez tal-inginiera. Dawn jinsabu go faxxiklu li l-Qorti mmarkat bhala Dok CSH, li kopja tieghu giet mghoddija lill-avukat tal-kontroparti. Ikkonferma li dawn huma fotokopji mehuda minnu stess mill-original.

Fis-seduta tat-tlettax ta' Ottubru 2009 il-Qorti ordnat, fuq talba tal-avukat difensur tas-socjeta' konvenuta li l-Perit Tekniku jiehu konjizzjoni tad-dokument esebit minn Eusebio Muscat fis-sittax ta' Gunju 2009, sabiex jiehu konjizzjoni tal-ispiza nkorsa mat-tiswija tal-*hoist motor*, u cioe' jekk dik riklamata mis-socjeta' attrici hix eccessiva.

Imbaghad fil-hmistax ta' Dicembru 2009 rega' xehed il-**Perit Tekniku Joseph Zammit** fejn qal li huwa ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minn Eusebio Muscat fis-sittax ta' Gunju 2009, kif kien ordnat jaghmel fit-tlettax ta' Ottubru 2009, biex jiehu konjizzjoni tal-ispiza nkorsa mat-tiswija tal-*hoist motor*, u jekk dik reklamata mis-socjeta' attrici kinitx eccessiva jew le. Qal li effettivament huwa dan ir-rapport m'ghamlux, pero' zied li m'ghandu xejn x'izid mar-rapport originali tieghu, filwaqt li rega' kkonferma l-kontenut tieghu. Pero' qal ukoll li fil-fehma

tieghu, peress li skond hu ma kellux jinbidel il-*gearbox*, kull spiza li saret in konnessjoni ma' dan it-tibdil, saret ghalxejn. Ghalih kien ikun bizzejjed li kieku nbidel l-*armiture* tal-mutur biss.

Rega' zied li x-xoghol li ghamel il-konvenut fuq l-*armiture* tax-*shaft* ma setax sar mod iehor, pero' sar inutilment peress li ma jservi ghal xejn, u dan peress li s-sahha tax-*shaft* naqset sostanzjalment, kif spjega wkoll fir-rapport tieghu. Spjega li b'dak li qal fil-paragrafu 6 tar-rapport tieghu, meta qal li x-xoghol sar skond is-sengha u l-arti, ried ifisser li x-xoghol li sar per se huwa tajjeb, anzi ma setax isir mod iehor, pero' dak it-tip ta' xoghol ma kienx necessarju li jsir, ghaliex effettivament dak ix-xoghol dghajjef is-sistema u fil-fatt il-konvenut seta' rrealizza li kienet qed tonqos is-sahha minn fuq ix-*shaft*. Ghalaq billi qal li effettivament dan ix-xoghol sar fuq struzzjonijiet tas-socjeta' attrici.

Waqt is-seduta tad-disgha u ghoxrin ta' Marzu, 2010 l-avukati difensuri tal-partijiet trattaw il-kawza u talbu lil Qorti tghaddi ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illli huwa principju pacifiku u ben konoxxut, kemm fid-duttrina legali, kif ukoll il-gurisprudenza, illi:

"*L'imprenditore ha l'obbligo di eseguire bene l'opera commessagli secondo i dettami dell'arte sua, e deve prestare almeno una capacita` ordinaria.*" (**Vol. XXVII P I p 373**).

In effetti, "*huwa ghandu jiggarantixxi l-bonta' tax-xoghol tieghu u din il-garanzija hi mplicita, tant li huwa tenut anke ghall-kolpa ljievi*." (**Vol. XL P I p 485**).

A bazi ta' dawn il-principji, ssokta jigi precizat illi:

"*Min jintraprendi li jaghmel bicca xoghol, iwiegeb ghad-difetti minhabba xoghol hazin jew ghal xoghol ezegwit b'materjal hazin. Ghalhekk, il-kommittent, li jidhrilu li x-*

*xoghol sar hazin, ghandu dritt jitlob li jigi verifikat, permezz ta' perizja teknika, jekk il-hsara li timmanifesta ruhha hijiex dovuta ghal difetti tal-arti tat-tqeghid jew tal-materjali.*" (**Vol. XLI P I p 667**).

Dan huwa proprju dak li ntalab mill-atturi f'din l-istanza.

Materja bhal dik in ezami, hi wahda essenzjalment ta' fatt u t'accertament tekniku u kien ghalhekk li din il-Qorti, ghamlet perizja teknika.

Issa minn ezami tar-rapport tekniku, jirrizulta li l-atturi kienu inkarigaw lis-socjeta' konvenuta sabiex isewwu l-hsara li kien hemm fir-*rotor* tal-mutur elettriku. Jirrizulta li r-*rotor* hija parti nterna tal-mutur elettriku li tispicca b'*shaft*, u li dan ikollu cavetta biex dan ix-*shaft* ikun jista' jintrabat mal- *housing* tieghu, u ma jdurx fil-vojt. Ic-cavetta fuq ix-*shaft* tal-mutur taghhom kienet ftit laxka u huma riedu li s-socjeta' konvenuta taghmlilhom cavetta gdida fuq parti differenti tal-istess *shaft*, li tkun aktar soda minn dik li diga' kellu. In segwitu s-socjeta' konvenuta ghamlet ix-xoghol li giet mitluba taghmel ghalkemm is-socjeta' attrici dehrilha li dan ix-xoghol ma sarx tajjeb u l-mutur ma setax jintuza aktar ghad-destinazzjoni li kellu.

Is-socjeta' konvenuta tghid li x-xoghol sar skond is-sengha u l-arti u skond ma giet mitluba taghmel mis-socjeta' konvenuta stess.

Huwa minnu li f'xoghol ta' din in-natura, u dan jghodd dejjem anke ghal xoghlijiet ohra, jezistu regoli ta' tolleranza, anke 'n rigward ta' difetti accertati fil-*mano d'opera*. Dan pero` jibqa' hekk entro l-arginar ta' certi limiti, u zgur mhux fl-entita' ta' kif sar dan ix-xoghol.

M'hemmx dubbju li f'dan il-kaz is-socjeta' konvenuta nghatat l-appalt sabiex isewwi l-mutur tal-*crane tower*. Naturalment is-socjeta' attrici ghamlet it-talba taghha dwar x'tip ta' riparazzjoni kellu jkun hemm, filwaqt li s-socjeta' konvenuta li suppost kellha is-sengha biex tesegwiixi i-talba attrici, kellha tara jekk dak mitlub minnha kienx possibli .

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Sede Inferjuri nhar is-sitta (6) t'Ottubru 2004 fl-ismijiet **Pierre Darmanin vs Moira Agius et** gie mfisser l-obbligu t'appaltatur u cioe:-

*"L-appaltatur ghandu l-obbligu li jezegwixxi x-xoghol lilu kommess, fis-sens li huwa ghandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b'mod li l-quddiem juri difetti. L-appaltant ghandu l-obbligu li jezegwixxi xogholu sew, skond is-sengha u l-arti u jrid jippresta almenu kapacita` ordinarja. Dan fis-sens li hu ghandu jiggarantixxi l-bonta` tax-xoghol tieghu".*

*L-appaltatur li jezegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett tal-appalt, huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-ezekuzzjoni hazina. Ghax kif jinsab ritenut ukoll "f'kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmilx ix-xoghol jew ikollu jirrispondi ghad-difetti li jigu l-quddiem".*

*Dan hu hekk, avvolja jkun hemm l-approvazzjoni tax-xoghol jew l-appaltatur ikun mexa skond l-ispecifications jew l-istruzzjonijiet lilu moghtija mill-kommittent.* ***L-appaltatur ghandu jirrezisti ordnijiet li jkunu ta' pregudizzju ghas-solidita` u kontra r-regoli tas-sengha u l-arti****. L-appaltatur hu obbligat u hu dejjem responsabbli li jaghti lill-appaltant opra sodisfacenti, u ma jistax jallega li x-xoghol sar mhux sewwa ghax hu ghamlu kif ried il-kommittent, billi l-appaltatur hu obbligat jirrezisti ghal kwalunkwe intromissjoni tal-kommittent.*

*Huwa pacifiku wkoll illi l-hlas tal-prezz tal-appalt jew il-hlas akkont ma jfissrux necessarjament approvazzjoni tax-xoghol jekk dan fil-fatt jirrizulta difettuz.*

*Meta allura jirrizultaw dawn id-difetti, (*kif certament hu l-kaz in specie*), l-appaltatur jitqies in kolpa minhabba nadempiment. Il-kolpa kontrattwali, hija dik li tikkonsisti fin-nuqqas tal-ezekuzzjoni, jew f'ezekuzzjoni hazina, ta' l-obbligazzjoni rizultanti mill-kuntratt.*

*A contrario senso, meta d-difetti huma ta' natura sostanzjali, l-appaltatur mhux biss ghandu jitqies inadempjenti, imma wkoll li ma jkollux dritt li jippretendi li jirrimedja ghad-difetti fl-ezekuzzjoni tax-xoghol.”*

Illi f’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati nhar it-tmienja (8) ta’ Lulju 2008 fl-ismijiet **Alfred Theuma vs Vincenza Mallia** gie ritenut li:-

“*Huwa principju stabbilit fil-ligi taghna, li l-kuntrattur, qabel ma jindahal ghal bicca xoghol, ghandu jkollu l-kapacita’ teknika mehtiega w ghandu jiggarantixxi l-bonta’ tax-xoghol tieghu. Tant hu hekk li l-appaltatur li ma jottemporax ruhu mal-ftehim, jigifieri li jesgwixxi x-xoghol skond l-arti u s-sengha, mhux intitolat ghal hlas.’*

B’hekk ghandu jinghad li f’kaz li s-socjeta’ konvenuta tkun giet ordnata mis-socjeta’ attrici sabiex taghmel xoghol hazin, ghandu jirrifjuta li jaghmel xoghol hazin.

Tali ragunament jaqbel mal-hsieb guridiku li jafferma illi jinkombi b’dover, fuq l-appaltatur jew imprenditur “*di resistere ad ordini che egli vedesse pregiudizievoli alla solidita` e contrari alle buone regole dell’ arte.*” (**Vol. XXV P I p 727**);

Jinsab enuncjat ukoll illi :

*“L-appaltatur ghandu jesegwixxi x-xoghol lilu kommess fis-sens, li huwa ghandu l-obbligu wkoll li jara li dana x-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b’mod li l-quddiem juri difetti. F’kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmilx ix-xoghol jew ikollu jirrispondi ghad-difetti li jigu l-quddiem.*” – “**Mario Blackman -vs- Carmelo Farrugia et nomine**”, Appell Kummercjali, 27 ta’ Marzu 1972;

Mill-perizja gie konkluz, fuq ir-rizultanzi akkwiziti, li x-xoghlijiet esegwiti mill-konvenut f’dan il-kaz, ma kinux konformi mal-arti w is-sengha u ghandhom jigu rimedjati kif mill-attur mitlub.

Taht dawn ic-cirkostanzi l-Qorti taghmel taghha r-rapport peritali u r-ragonamenti li fuqu jinsabu bazati, anke ghaliex dawn huma guridikament ben fondati. Dan apparti wkoll il-fatt illi l-opinjoni espressa mill-espert, ma tidhirx priva mill-konsiderazzjoni tal-aspett tekniku tal-materja taht ezami. L-opinjoni tal-espert mahtur mill-Qorti ghandha valur probattiv gholi hafna ghad-determinazzjoni ta’ din il-kawza.

Fil-kawza **Benjamin Camilleri noe vs Charles Debattista noe** deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fid-disgha (9) ta’ Frar 2001 intqal illi:

*“L-opinjoni teknika konfermata bil-gurament minn Perit Tekniku bhal kull prova ohra, setghet tigi skartata mill-Qorti. Dan pero’ mhux leggerment jew kapriccozament, imma biss fejn tirrizulta raguni valida mill-atti. Bhala regola, hu stabbilit anke minn gurisprudenza illi l-Qorti ma kellhiex tiskarta jew twarrab opinjoni tal-Perit Tekniku minnha nominat, ghaliex dik kif inghad, tikkostitwixxi element ta’ prova mportanti, jekk mhux determinanti, li kellu jifforma l-gudizzju tal-gudikant.”*

Illi ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li x-xoghol li sar mis-socjeta’ konvenuta mhux skond is-sengha u l-arti, fis-sens li din ir-reparazzjoni qatt ma kellha issir ghaliex dghajjfet l-uzu tal-mutur, u dan nonostante li kienet is-socjeta’ attrici stess li talbet li jsir dan ix-xoghol. Ir-responsabilita’ li x-xoghol ikun ta’ kwalita’ tajba u cioe’ skond is-sengha u l-arti, tibqa’ dejjem mal-appaltatur li ghandu obbligu li jaccerta ruhu li bix-xoghol li jaghmel ma jizdiedux il-problemi, kif effettivament gara f’dan il-kaz.

Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha illi stante c-cirkostanzi, m’ghandhiex tinjora l-opinjoni tal-perit tekniku minnha nnominat, liema opinjoni hija cara u kategorika u tinkwadra bis-shih fil-modilitajiet kollha ta’ dan il-kaz.

Illi ghalhekk dwar l-ewwel eccezzjoni din il-Qorti m’ghandhiex x’tikkummmenta peress illi giet sorvolata fl-ewwel seduta, meta s-socjeta’ konvenuta kienet talbet korrezzjoni fl-okkju u din kienet giet milqugha, u ghalhekk

qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' tali eccezzjoni.

Dwar it-tieni, t-tielet u r-raba' eccezzjoni fuq il-mertu dawn qed jigu michuda ghar-ragunjijiet fuq imsemmija.

Dwar il-hames eccezzjoni, u cioe' dwar dak li qalet is-socjeta' konvenuta li d-danni jridu jigu ppruvati, l-Qorti rat id-dokument esebit mis-socjeta' attrici u markat bhala Dok VB 3 a fol. 20. Illi 'n vista ta' dak li rrelata l-espert tal-Qorti Joseph Zammit hemm numru ta' spejjez elenkati f'dan id-dokument li m'ghandhomx jigu kunsidrati bhala parti mid-danni li kkawzat is-socjeta' konvenuta. B'mod partikolari qed jinghad li peress li l-espert tekniku stqarr li l-mutur qatt ma messu gie mehud ghand is-socjeta' konvenuta ghaliex kien ikun ahjar kieku nxtara wiehed gdid, allura l-ispejjes sabiex dan gie zarmat u mehud ghand is-socjeta' konvenuta ghandhom jibqghu a karigu tas-socjeta' attrici. Illi ghalhekk mit-total imsemmi f'dan id-dokument fl-ammont ta' LM4,206.68 ghandu jigi imnaqqas Lm81.01 rapprezentanti Dismantling and Assembling of original motor, LM35 removal of original motor by VBL personnel, LM50 transport of motor ghand is-socjeta konvenuta, u LM85 removal of original gearbox from winch. B'Kollox ghalhekk ghandha titnaqqas is-somma ta' mitejn u wiehed u hamsin Lira u centezmu (LM251.01) ekwivalenti ghal hames mija u erbgha u tmenin Ewo u sebhin centezmu (€584.70) biex b'hekk b'kollox id-danni sofferti mis-socjeta' attrici jammontaw ghal tlett elef disgha mija u hamsa u hamsin Lira Maltin u sebgha u sittin centezmu (LM3,955.67 (LM4206.68 – LM251.01)) ekwivalenti ghal disat elef mitejn u erbatax-il Ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€9214.23).

**Ghalhekk din il-Qorti qieghda tiddikjara li is-socjeta' konvenuta hija responsabbli ghax-xoghol li sar fuq ix-*shaft* tar-*rotor* tal-mutur elettriku proprjeta' tas-socjeta' attrici u konsegwentement qeghda, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, tilliwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici fl-ammont ta' disat elef mitejn u erbatax-il Ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€9214.23) u tikkundanna lis-socjeta'**

**konvenuta thallas lis-socjeta' attrici din is-somma hekk likwidata.**

**L-ispejjez u l-imghax skond il-ligi ghandhom jigu sopporati mis-socjeta' konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------